**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 11 ta' Jannar, 2018

Rikors Nru : 373/17AL

**A B**
**Vs.**
**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar il-hdax (11) ta' Lulju tas-sena elf disgha mija wiehed u tmenin (1981) (Ara certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. "JB1";
2. Illi r-rekwiziti ghall-pronunzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, huma sodisfatti stante :
    i. Illi l-partijiet ilhom jghixu separatament, u ghalhekk *de* facto separati, sa mis-sena elfejn u tlettax (2013), filwaqt li ilhom legalment separati sa mill-hamsa u ghoxrin (25) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) in forza ta'

sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell 324/2009/1 hawn annessa u mmarkata bhala Dok. JB 2.

ii. Illi m'hemmx prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, li llum il-gurnata, ghalkemm legalment separati jghixu hajja flimkien u ghalhekk kellha tintavola dawn il-proceduri ;

iii. Illi ai termini tal-fuq imsemmi in forza ta' sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell 324/2009/1, l-intimat huwa obbligat ihallas l-ammont ta' Eur 350 lir-rikorrenti kull erba` gimghat ;

3. Illi dawn il-fatti huma debitament ikkonfermati fl-affidavit hawn anness u mmarkat bhala Dok."JB3".

4. Illi ghall-finijiet tal-Artikolu 66N (1)(a)u (b) qieghed jigi rilevat li l-partijiet huma domiciljati f'Malta u ghandhom residenza taghhom f'Malta.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex lil din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taż-żwieġ li gie celebrat mill-partijiet fil-11 ta' Lulju, 1981;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fiż-żmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju u l-ħall taż-żwieġ tal-partijiet, biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Novembru, 2017;

Semghet lir-rikorrenti tikkonferma bil-gurament ir-rikors promotur;

L-intimat fuq domanda tal-Qorti wiegeb illi ma ghandu l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-25 ta’ Ottubru 2013 u ilhom de facto separati sa mis-sena 2013;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.